MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali il-Fontana**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 35**

**Il-Erbgħa, 27 ta' Ottubru, 2021**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali *online* permezz ta' *video call* fuq *Microsoft Teams* nhar il-Erb għa, 27 ta'Ottubru, 2021 fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

**ASSENTI:-**
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku

UFFIĊJAL PREŻENTI
Is-Sinjura Miriam Attard – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**35.1 Talba**

35.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5:00 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**34.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

35.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

## 35.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

35.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 34 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

35.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

35.3.3 Kien hemm korrezzjoni mis-Sur Horace Micallef u din saret u ġiet approvata.

34.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u l-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 35.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

35.4.1 Is-Sindku Saviour Borg qal li saret il-laqgħa ma' Robert Tabone li kien ser jikkontesta għall-elezzjoni tal-President Kunsill Reġjonali għal Għawdex. Il-laqgħa saret fis-sala tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 5 ta' Ottubru, 2021 fis-6:00 ta' filgħaxija u għaliha attendew hu, l-Viċi Sindku Josephine Camilleri u l-Kunsillier Horace Micallef.

35.4.2 Is-Sindku qal li twaħħlu żewġ fanali man-naħa ta' wara tas-sagristija tal-knisja u tnejn oħra fi Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali. Baqa' l-fanali x'jitwaħħlu fit-toroq San Martin, is-Sajjieda, Wied Siekel u Ta' Mulejja. Għalhekk fuq proposta tas-sindku sar qbil li nkomplu nwaħħluhom.

35.4.3 Is-Sindku qal li saret l-elezzjoni għall-ħatra tal-President Kunsill Reġjonali għal Għawdex u għall-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-membri tal-Kunsill ivvutaw fil-bini amministrattiv tal-kunsill, nhar is-Sibt, 9 ta'Ottubru, 2021.

35.4.4 Is-Sindku qal li saret il-laqgħa li ssir kull xahar mas-Supretendent tal-Pulizija, nhar is-27 ta' Ottubru, 2021. Waqt il-laqgħa fost punti oħra ssemmew il-*Community Police* li issa ser jiġu introdotti s-sena d-dieħla u l-gallarija perikoluża li hemm fil-bidu ta' Triq il-Għajn.

35.4.5 Dwar is-sitwazzjoni tal-Belvedere fi Triq Ta' Mulejja l-Kunsill approva r-replika li kiteb Dr. Noel Camilleri għall-kontroprotest li sar mill-Ministeru għal Għawdex. Din ir-replika għandha tiġi ppreżentata l-Qorti ta' Għawdex mis-sindku nhar it-Tnejn li ġej.

35.4.6 Is-Sindku Saviour Borg qal li għall-*Pink October* inxtegħlu l-Għejun bil-lewn roża kif isir kull sena.

35.4.7 Dwar it-tiġdid tal-permess tal-ftuħ tax-xelter ta' Pjazza l-Għejun għal Trejqet ix-Xagħri, is-sindku qal li l-Perit Ivana Farrugia m'għadhiex interessata li taħdem ix-xogħol minħabba impenji oħra. Għaldaqstant is-Sindku ppropona lill-Perit Johan Camilleri biex ikompli jieħu ħsieb dan il-proġett. Kien hemm qbil mill-membri. Is-Sindku tenna li l-Kunsill jista' japplika għall-fondi mill-iskema tal-aċċessibilitá sabiex jiġu akkwistati fondi għal dan il-proġett. Issuġġerixxa li meta jkun lest, tista' ssir miżata żgħira li titħallas minn min ikun jixtieq iżur dan ix-xelter.

35.4.8 Is-Sindku qal li kien hemm applikant wieħed għas-sejħa ta' *part timer* li jaħdem ix-xogħol ta' skrivan is-Sibtijiet, fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

S. Borg

35.4.9 Dwar il-kont tal-Perit sabiex il-Kunsill seta' jissottometti l-ittra rigward l-applikazzjoni ta' żvilupp fi Triq Wied Siekel, is-Sindku għarraf lill-membri li din ġiet approvata li titħallas mir-Reġjun Għawdex peress li r-Reġjun għandu fond speċifiku għalhekk.

35.4.10 Is-Sindku għarraf lill-membri li ċ-*charging pillar* li kellha ssir fi Triq il-Qalb ta' Ġesù u li ġiet diskussa fl-aħħar laqgħa, saret dakinhar tal-laqgħa stess. Għalhekk issa jonqos li tingħata s-servizz tal-elettriku.

35.4.11 Is-Sindku qal li Saret talba lid-dipartiment tal-Eko Għawdex biex jinqata' xi qasab u l-pjanti taż-żejt tar-riegnu fil-wied tax-Xlendi, fil-parti li hija fil-konfini tal-Fontana fejn xi snin ilu kienet saret ir-rijabilitazzjoni tagħha..

35.4.12 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġie avviċinat minn rappreżentant tal-Uffiċċju elettorali f'Għawdex fejn talbu jekk il-Kunsill jaċċettax li tintuża s-sala tal-komunità biex tkun tista' ssir l-votazzjoni mir-residenti waqt l-elezzjoni ġenerali kif sar fis-snin l-imgħoddija. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

35.4.13 Is-Sindku fakkar lill-membri li l-għada kien ser jiġi ċċelebrat Jum Għawdex. Il-membri huma mistiedna għal Quddiesa li ser tiġi ċċelebrata fil-Katidral u wara għal attività li ser issir fi Pjazza Indipendenza fir-Rabat, Għawdex u li ser tkun preseduta mill-Aġent President tar-Repubblika ta' Malta, l-E.T. Dolores Cristina.

35.4.14 Is-Sindku għarraf lill-membri li fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun Għawdex ġew ivvutati €25,000 għall-proġett ta' spazji miftuħa. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill japplika għall-fondi biex jitkompla l-proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Il-membri qablu.

35.4.15 Is-Sindku ssuġġerixxa li jinxtraw 12-il bozza għall-fanali li għandna f'diversi toroq biex ikunu *in stock*. Il-membri qablu.

35.4.16 Is-Sindku Saviour Borg qal li jrid isir depożitu ta' €50 l-bank sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħmel użu minn *night safe* tal-Bank of Valletta peress li m'għadhomx jiġu aċċettati depożiti mal-counter. Għalhekk ġiet approvata riżoluzzjoni għal dan il-għan biex tiġi ppreżentata lill-Bank.

35.4.17 Dwar il-*cat feeders*, il-membri ġew mgħarrfa li nkitbu erba' persuni u l-Kunsill ta d-dettalji tagħhom lill-SPCA. Dawn il-persuni mbagħad jingħatalhom għalf b'xejn sabiex ikunu jistgħu jagħlfu l-qtates.

35.4.18 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel bandalora bl-arma tal-Kunsill biex tintuża fl-attivitajiet tal-Kunsill. Il-membri qablu.

35.4.19 Rigward is-sejħa għall-impjieg ta' *General Hand Full-time* (Skala 18) is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill staqsa lid-Dipartiment għal Gvern Lokali jekk fil-*grade description* ta' dan l-impjieg hux kopert it-tindif u l-qtugħ tal-ħaxix fit-toroq residenzjali u kif ukoll xogħol ta' manutenzjoni, tisqija, tindif u żamma tal-*playing field* u ġonna responsabbli tal-Kunsill. Malli jkollna risposta tkun tista' toħroġ is-sejħa għal din il-vakanza.

**35.5 Aġġornament fuq is-sitwazzjoni tal-proġett ta' tisbieħ bil-porfido**

35.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li parti minn Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali lesta u baqa' biss il-*grouting*. Ser jinbeda l-kisi tan-naħa ta' wara tas-sagristija. Fuq il-post qed ikun hemm

żewġ ħaddiema u x-xogħol hu ppjanat li jitlesta sal-Milied. Sadanittant intbagħtu ritratti tax-xogħlijiet lill-Awtorità tal-Ippjanar.

35.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li s-sur Mario Fava, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, għan-nom tal-Kunsill, talab laqgħa *on site* mas-Sur Michael Cohen minn *Transport Malta*. Il-Kunsill kien approva li din l-*area* tibqa' pedonali biex titgawda mit-tfal u l-pubbliku inġenerali. Fuq parir tas-sur Fava m'għandhiex għalfejn tiddaħħal mal-iskema *slowstreets* u b'hekk jiġu evitati spejjeż bla bżonn. Fava ssuġġerixxa li din il-materja tiġi mpoġġija fuq l-aġenda tal-ewwel laqgħa ta' *Traffic Management Committee* fejn is-Sindku jkollu ċans jispjega f'aktar dettall.

**35.6 Tkomplija tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku (Devoluzzjoni u żgumbrar tal-fond 189/190 fi Triq il-Għajn k/m Triq Ta' Mulejja)**

35.6.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill reġa' bagħat email lis-CEO tal-Awtorità tal-Artijiet, is-Sur Robert Vella, sabiex issir laqgħa miegħu fir-rigward ta' din id-devoluzzjoni. Qal li dejjem sibna għajnuna u koperazzjoni mis-Sin. Catherine Fenech mill-Awtorità tal-Artijiet, dwar din id-devoluzzjoni.

35.6.2 Is-Sindku qal li fl-10 ta' Novembru, 2021, il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, is-sur Mario Fava ser iressaq din is-sitwazzjoni quddiem is-CEO tal-Awtorità tal-Artijiet, is-Sur Robert Vella.

**35.7 Aġġornament fuq ix-xogħlijiet tal-*main* u servizzi tad-drenaġġ f'parti minn Triq il-Għajn u l-offerta tat-tarmac fi Triq il-Għajn**

35.7.1 Peress li l-offerta għal dan ix-xogħol il-Kunsill waqqagħha madwar xahrejn ilu, wara diskussjoni l-Kunsill qabel li jqabbad lill-Perit John Saliba biex jagħmel *Bill of Quantity* (BOQ) ġdid biex tkun tista' terġa' toħroġ l-offerta. Il-membri qablu li jitqabbad il-Perit Saliba u kwalunkwe differenza għandha tintalab biex tiġi ffinanzjata mill-Ministeru għal Għawdex peress li din taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

35.7.2 Il-kunsillier Horace Micallef ippropona li fejn ser issir BOQ għal din il-parti, għandha tintalab BOQ oħra għall-parti li baqa' tat-triq.

35.7.3 Is-sindku qal li filwaqt li jaqbel ippropona li l-Kunsill għandu jistaqsi jekk il-Ministeru għal Għawdex għandux intenzjoni li jkompli għaddej bit-tunnel li saret minn Pjazza l-Għejun sa ħdejn il-knisja parrokkjali meta nbniet it-triq tax-Xlendi fl-2012 mill-Ministeru għal Għawdex. Barra minn hekk trid tiġi kkonsultata wkoll il-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma biex naraw tridx tibdel ukoll il-main prinċipali tad-drenaġġ bħalma ser isir fil-parti ta' fuq. Il-Kunsill qabel.

**35.8 Aġġornament fuq ix-xogħlijiet tal-Belvedere f'Ta' Mulejja**

Is-Sindku ressaq ir-replika li ħejja l-Avukat Noel Camilleri għall-kontro-protest tal-Ministeru għal Għawdex u qal li jekk il-membri jaqblu, dan jiġi ppreżentat fil-Qorti ta' Għawdex. Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti.

**35.9 Aġġornament dwar l-applikazzjoni tal-proġett tal-*playingfield***

Is-Sindku qal li ġiet sottomessa l-applikazzjoni sabiex jiġu akkwistati fondi għall-proġett tal-*playing field* mill-fond provdut mill-LESA.

**35.10 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

35.10.1 Ċirkulari numru SPI.SCI.7.2021 rigward Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern.

35.10.2 Ċirkulari numru SPI/SCI/6/2021 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021.

35.10.3 Ċirkulari Numru SPI/SCI/8/2021 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibiltà u Mobilità. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill japplika għall-bandla li tkun speċifika li tieħu siġġu tar-roti u għal aktar aċċessibilità fix-xelter ta' pjazza l-għejjun.

35.10.4 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward 'Sistema ta' Permessi *Online* għall-Kunsilli Lokali'.

35.10.5 Ċirkulari AKL 2021/103 rigward Festin tal-Milied għat-tfal (08.12.2021).

35.10.6 Ċirkulari AKL 2021/106 rigward il-*President's Fun Run* (21.11.2021). Minħabba r-restrizzjonijiet imposti fuq il-Covid 19 il-*Fun Run* ser ssir fil-lokalitajiet Maltin u Għawdxin.

35.10.7 Ċirkulari AKL 2021/102 – 'Developing your leadership style – Mentor Aid Session 27/10/2021'.

35.10.8 Ċirkulari AKL 2021/096 AKL 'Webinar – Social Field: Youth and Criminality 20/10/2021'.

35.10.9 Ċirkulari AKL 2021/107 AKL 'Webinar – Info Session Sports u Attivitajiet Fiżiċi għall-Kunsilli Lokali - 11/11/2021.

35.10.10 Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex fejn wera x-xewqa li minn żmien għal żmien il-laqgħat tiegħu jinżammu f'xi waħda mill-lokalitajiet Għawdxin. Billi s-sala tal-Kunsill tippermetti li tiġi rispettata d-distanza soċjali matul il-laqgħa, intalab sabiex il-laqgħa li jmiss tar-Reġjun Għawdex issir fis-sala tal-Kunsill tal-Fontana. Is-sindku ppropona li din it-talba tiġi milqugħha. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

35.10.11 Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex rigward l-għoti tal-vaċċin tal-influwenza.

35.10.12 Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li ġiet estiża l-iskema Reġjonali – Ambjent 2021. Din tagħlaq fit-30 ta' Novembru 2021.

35.10.13 Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li ġiet estiża l-iskema Reġjonali – Kultura Għawdex 2021. Din tagħlaq fit-30 ta' Novembru, 2021.

35.10.14 Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex rigward laqgħa mal-Kunsilli Lokali mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-Ġimgħa, 29 ta' Ottubru, 2021 fis-sala tal-Lukanda Kempinski San Lawrenz.

35.10.15 Korrispondenza mingħand Angelo Camilleri, *EU Fund Manager* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn intalbu dettalji fuq liema huma t-toroq li l-Kunsill qed jagħmel u

li huma *part-financed* mill-Ministeru għal Għawdex. Dawn huma parti minn Triq il-Għajn, bejn Pjazza Tomba (Pjazza Santu Wistin) u Triq il-Kappillan Ġ. Hili.

35.10.16 Korrispondenza mingħand l-Awtorità tal-Artijiet biex jiġi mġedded il-kuntratt tad-devoluzzjoni LAND 160/2007 fi Triq Ta' Mulejja. Il-membri qablu li jiġi ffirmat.

35.10.17 Korrispondenza mingħand l-Uffiċċju tat-Teżor fejn id-Dipartimenti tal-Gvern ġew mogħtija l-ġranet stipulati sabiex jagħlqu s-sena finanzjarja 2021.

35.10.18 Korrispondenza mingħand Yana Spiteri mill-LESA, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li rċevew l-applikazzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-Proġetti fil-Komunità.

35.10.19 Korrispondenza mingħand Cynthia Formosa, Manager fi ħdan l-'Active Ageing and Community Care' fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li n-nominazzjonijiet għall-'Premju Anzjanità Attiva' huma miftuħa.

35.10.20 Korrispondenza mingħand John Xuereb, Direttur 'Cultural Heritage Directorate' fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn intalbu dettalji rigward *telephone booths* ta' żmien l-Ingliżi. Hi x-xewqa ta' dan id-direttorat li jirrestawra dawn it-*telephone booths*. Ġie infurmat li fil-Fontana m'hawnx *telephone booths* ta' dan it-tip.

35.10.21 Korrispondenza mingħand is-CEO tal-*Gozo Tourism Authority* (GTA) rigward il-lista li toħroġ ta' kull sajf fejn ikun hemm toroq identifikati (*Tourist Areas*) li bejn il-15 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru ma jsir ebda' tip ta' twaqqieħ ta' bini u skavar. Il-GTA qed tissuġġerixxi li matul dawn il-ġranet Għawdex kollu jkun inkluż f'din it-*Tourist Area*. Intalbet il-veduta tal-Kunsilli Għawdxin rigward din il-proposta.

35.10.22 Korrispondenza mingħand Joanna Incorvaja, *Projects Manager* tal-proġett tal-installazzjoni taċ-*charging pillars*, li qed isir mill-Ministeru tal-Enerġija, Intrapriżi Żgħar u Żvilupp. L-ittra tgħid li wara x-xogħlijiet li saru mill-kuntrattur tal-proġett fi Triq il-Qalb ta' Ġesù, il-Ministeru sab soluzzjoni aħjar kemm għall-Kunsill u kemm għar-residenti bil-pilastru li twaħħal. Qed jintalab sabiex minflok jitwaħħal arblu mal-faċċata tar-residenza, jitniżżel *cable* abjad mal-*overhead aerial lines* tal-Enemalta. Il-Kunsill intalab sabiex jgħarraf lir-residenta kkonċernati b'dan. Il-membri ma qablux li l-Kunsill għandu jkompli jindaħal f'din il-materja peress li l-problema ewlenija hija li r-residenta mill-bidu nett ma riditx li dan il-pillar jeħel qrib il-proprjetà tagħha. Għalhekk kull komunikazzjoni magħha għandha ssir direttament minn min hu responsabbli mill-proġett.

35.10.23 Is-Sindku bagħat ilment lid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi fi ħdan il-Minsiteru għal Għawdex fir-rigward ta' *culvert* li hu miżdud quddiem 'Sardinella' fi Triq l-Isptar San Ġiljan li hi arterja. Id-Direttur ressqet din l-ittra quddiem id-Direttur Eko-Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex peress li kitbet li dan ix-xogħol jaqa' taħt Eko-Għawdex.

35.10.24 Korrispondenza mingħand il-*Community Chest Fund* fejn il-pubbliku ġie mgħarraf li ser isir bejgħ ta' ponsjetta fejn min jixtri jkun qed jgħin lil din il-fondazzjoni.

35.10.25 Korrispondenza mingħand *Connection Care Ltd.* Rigward is-servizzi tat-*telecare*.

35.10.26 Tressaq ilment numru 14/2021 fejn intalab sabiex isiru linji sofor maġenb il-garaxx ta' Borg House, Triq Ta' Mulejja. Dan sabiex jiġi faċilitat il-ħruġ u d-dħul minn ġol-garaxx. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

**35.11 Aġġornament dwar il-proċess tal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

Il-membri ġew mgħarrfa li l-bord iltaqa' nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Ottubru, 2021 fejn infetħu l-applikazzjonijiet ta' dawk interessati li jokkupaw din il-kariga. Dwar waħda minnhom intalbet direzzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**35.12 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

35.12.1 Dwar l-ilment imressaq mill-kunsillier Horace Micallef dwar bank li jinsab fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi is-sindku Saviour Borg qal li dan ma jitranġax u l-ħaddied li s-soltu jaħdem dan ix-xogħol, m'għadux jaħdem. Għaldaqstant il-bank kellu jinqala' sakemm isir frame ġdid.

35.12.2 Il-kunsillier Horace Micallef staqsa min għandu aċċess sabiex jittellgħu posts fuq il-*facebook page* tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-iskrivani tal-Kunsill għandhom l-aċċess. Tenna li waħda mill-impjegati tal-Kunsill tellgħet tlett *posts* bi żvista fuq il-fb tal-Kunsill. Is-Sindku qal li malli sar jaf dan ikkuntattja lill-iskrivani u dawn tneħħew immedjatament.

35.12.3 Il-kunsillier Carmel Farrugia ġibed l-attenzjoni li hemm lampa ta' fanal maħruqa fi Triq il-Għajn 'l isfel mill-knisja fejn it-triq hija l-aktar dejqa. Is-sindku qal li diġà ġiet irrappurtata lil Chris Gauci biex jibdilha.

35.12.4 Il-kunsillier Horace Micallef ġibed l-attenzjoni li fi Triq Wied Siekel hemm roqgħa żgħira cement maqlugħa. Is-sindku qal li se jieħu ħsieb li din titranġa.

35.12.5 Is-Sindku qal li l-kkuntratt tal-latrini pubbliċi jagħlaq ix-xahar id-dieħel. Il-membri qablu li sakemm tinħareġ l-offerta u nistaqsu lill-kuntrattur preżenti jekk hux lest li jkompli jagħti dan is-servizz sakemm jitlesta l-proċess.

35.12.6 Rigward il-Wirja Viżiva '*On the Road*' li ser issir f'Ġunju, il-kunsillier Jonathan Cefai qal li ġie kkuntattjat mill-organizzaturi biex isiru *captions* tal-postijiet u jintbagħtu r-ritratti. Qal li ser jieħu d-dettalji mill-ktieb tal-Fontana. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li min-naħa tal-Parroċċa ntalab li qabel jintużaw xi ritratti għandu jintalab il-permess tal-Kappillan.

35.12.7 Is-Sindku Saviour Borg qal li fl-1 ta' Diċembru jiġi ċċelebrat Jum il-Fontana f'għeluq it-28 sena mit-twaqqif tal-Kunsill. Staqsa jekk għandhiex issir xi attività li tkun konformi mar-regoli tal-Covid 19. Il-membri qablu li għal din is-sena ma jsirux attivitajiet minħabba li l-każijiet tal-infezzjoni qed jerġgħu jiżdiedu. Għalhekk sar qbil biex issir quddiesa ta' radd il-ħajr, jekk inhu possibbli, flimkien mal-festa ta' Sant'Indrija nhar it-30 ta' Novembru. Għalhekk għandha ssir talba lill-kappillan il-Kan. Simon Mario Cachia dwar dan. Wara jsir it-tqegħid ta' kuruni mis-sindku fil-preżenza tal-membri tal-kunsill mal-monumenti tas-sajjieda u dak tal-loġħob tan-nar kif ukoll bukkett fjuri man-niċċa storika tas-Salvatur.

**35.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

35.13.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 28/2021 għall-perijodu bejn l-01/10/2021 u l-31/10/2021 li tammonta għal €9056.06 ġiet approvata u ffirmata.

**35.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

35.14.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6:45 ta' filgħaxija u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum 26 ta' Novembru, 2021.

Saviour Borg
Sindku

Miriam Attard
Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA